

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *A. Sesma Merino huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 184, 16.6.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 26 ta' Novembru 2015 – Nürburgring vs UASI – Biedermann
(Nordschleife)**

(Kawża T-181/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Nordschleife — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Management by Nordschleife — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2016/C 027/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Nürburgring GmbH (Nürburg, il-Ġermaniż) (rappreżentanti: M. Viefhues u C. Giersdorf, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Lutz Biedermann (Villingen-Schwenningen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Jacob u M. Ziliox, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta’ Jannar 2014 (Każ R 163/2013-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn M. Lutz Biedermann u Nürburgring GmbH.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Nürburgring GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 151, 19.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 26 ta' Novembru 2015 – Bionecs vs UASI – Fidia farmaceutici

(Kawża T-262/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali BIONECS — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti BIONECT — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2016/C 027/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GmbH Bionecs (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Knitter)